Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 52/2019

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Maverick Azzopardi

Illum 3 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Maverick Azzopardi detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 530396M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar is-7 ta' Settembru 2018 u sena qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti mill-Qorti Kriminali (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Aaron Bugeja LLD nhar il-25 ta' Gunju 2015, f'dan illi jirrapporta gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zabbar kull nhar ta' Sibt bejn it-8:00 u 20:00, kif wkoll naqas li jinforma li biddel ir-residenza u ma jirrisjedix gewwa il-fond 68 Cloverhill Penthouse, Triq l-Imriekeb, Marsaskala, dan kontra il-

limitazzjonijiet imposti f'dan id-digriet, bi ksur ta' l-Artikolu 579 (2) tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Maverick Azzopardi, u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll li s-somma ta' €3,000 f'depositu, kif ukoll €1,000 bhala garanzija imposti fuqu jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-31 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 579 (2) u 579 (3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu għal Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum. Fil-każ in eżami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma qisitx illi hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u tal-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija imposti fuq l-imputat. Il-Qorti ordnat ukoll li d-Digriet anness ma' din is-sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha **<u>tirriforma</u>** s-sentenza appellata billi:

1. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih;

2. **Tikkonfermaha** wkoll f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannat lill-appellat ghal piena ta' Ordni ta' Probation that l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta ghall-perjodu ta' tliet (3) snin mil-lum;

3. **Thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn iddikjarat li l-ammont stabbilit fid-digriet koncedenti l-helsien mill-arrest that depozitu u garanzija ma jigux konfiskati favur il-Gvern ta' Malta **u minflok tordna li dan l-ammont komplessiv ta' erbat elef Ewro (€4000) jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta skont il-Ligi.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti u cioè:-

Illi fil-05 ta' Frar 2019 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment zbaljata meta ma ordnatx il-konfiska tal-ammont tal-garanzija tal-appellat;

Illi ghal fini ta' kjarezza u a skans ta' kull ekwivoku, l-esponent jaghmilha cara li qieghed jappella limitatament ghal dik il-parti tal-piena konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni ta' htija rigwardanti l-akkuza kif dedotta fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat li *"(f) il-kaz in ezami, meqjusin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti ma tqisx illi hemm lok tal-piena "addizzjonali" tar-revoka tal-helsien mill-arrest u tal-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija impost fuq l-imputat."*

Illi l-aggravju tal-epsonent huwa car u manifest u jirrigwarda biss il-konsegwenzi tal-htija fir-rigward tal-imputazzjoni kif dedotta, u cioe' li l-appellat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest.

Illi kif diga' ritenut, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddecidiet illi ma kienx hemm lok tal-piena hekk imsejha "addizzjonali" tar-revoka tal-helsien mill-arrest u tal-konfiska tal-ammont tal-garanzija impost fuq l-imputat u huwa proprju hawn fejn l-esponent ihossu aggravat. Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti **ma kellhiex** diskrezzjoni skont il-ligi biex tiddeciedi jekk tikkonfiskax o meno l-garanzija. Il-ligi tirrikjedi **tassattivament** li l-ammont tal-garanzija jigi ikkonfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Illi fil-fatt, l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi, testwalment, is-segwenti:

***"Kull persuna li tonqos mill thares xi wahda mill-kondizzjonijiet impost mill-Qorti fid-digriet taghha li bih taghti l-helsien mill-arrest that garanzija tkun hatja ta' reat u tehel, meta tinstab hatja, il-piena ta' multa jew prigunerija ghal zmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew ghal multa u prigunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-helsien mill-arrest taht il-garanzija ghandu jigi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta."***

Kwindi, bid-dovut rispett, il-ligi **ma taghtix** diskrezzjoni lill-Qorti izda tirrikjedi **tassattivament** li l-ammont tal-garanzija jigi konfiskat. L-unika diskrezzjoni li taghti l-ligi lill-Qorti hija meta l-imputazzjoni tkun ai termini tal-Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jinghata l-helsien mill-arrest mhuwiex ta' konsegwenza serja. Dana skont il-proviso ghall-Artikolu 579 (1) tal-Kapitolu 9.

Illi issa fil-kaz de quo, l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tal-appellat tirraffigura ruhha that l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitolu 9 mhux l-Artikolu 579 (1). Kwindi, id-dispozizzjonijiet tal-proviso ghall-Artikolu 579 (1) definittivament li mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern, u l-Ewwel Onorabbli Qorti, dejjem bir-rispett, ma kellhiex diskrezzjoni izda kellha tassattivament tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont komplessiv ta' erbat elef Ewro (€4000) bhala granzija li l-appellant kien ghamel nhar il-25 ta' Gunju 2015 in garanzija tal-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur